**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 51 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2016
**Hin:** fil-5:30pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Iċ-Ċentru Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
5. Tismija ta' Toroq f'Wied iż-Żurrieq;
6. Attivitajiet ta' Jum il-Qrendi 2017;
7. Festival Agrarju tal-Patata 2017;
8. Komunikazzjoni mis-Sindku;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-51 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2016 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-50 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajma mill-Minuti.

*Il-Kunsillier Daniela Farrugia waslet għal-laqgħa fis-5:45pm*

3. **KORRISPONDENZA**

3.1 Inqrat Direttiva 4/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Direttiva Numru 4/2016 – Direttivi dwar Xandir Soċjali (*Social Media*) fil-Kunsilli Lokali.**

3.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li għalkemm illum kulħadd għandu l-kont ta' *Facebook* tiegħu, xorta waħda rridu noqgħodu attenti x'niktbu u dak kollu li niktbu permezz tal-kont personali ta' *Facebook* ikunu biss l-ideat u l-ħsibijiet tagħna personali u mhux dawk tal-Kunsill Lokali.

3.1.2 Żid li meta jkun hemm risposti permezz tal-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali, dawn ikunu risposti uffiċjali u ħadd mgħandu jipprova juża' l-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali għall-fini personali.

3.2 Inqrat Ċirkulari 27/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 27/2016 – Skema**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**ta' Finanzjament – Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti.**

3.3 Inqrat Kjarifika għaċ-Ċirkulari 27/2016, mibgħuta mis-Sur Antoine Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kjarifika – Ċirkulari Numru 27/20116 – Skema ta' Finanzjament – Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti.**

3.4 Inqrat Ċirkulari 28/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 28/2016 – Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt.**

3.5 Inqrat Ċirkulari 29/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 29/2016 – Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-Influwenza.**

3.6 Inqrat Ċirkulari 30/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 30/2016 – Ilmenti mressqa quddiem servizz.gov.**

3.7 Inqrat Ċirkulari 31/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 31/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permanenti.**

3.8 Inqrat Ċirkulari 32/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 32/3016 – *Petty Cash.***

3.9 Inqrat Ċirkulari 33/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 33/2016 – Assigurazzjoni tal-Assi.**

3.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Forum Nazzjonali dwar l-Arkivji u Ġimgħa għall-Għarfien dwar l-Arkivji, 2016.**

3.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stqarrija għall-Istampa maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali – Taħriġ għall-persuni li jaħdmu waqt l-elezzjonijiet.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Launching of the consultative process of the Crime Prevention Strategy for the Maltese Islands 2017-2021 – Friday 28 October 2016 at 1300-1500 hours.***

3.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Capital Grant – Qrendi Local Council.***

3.14 Inqara Ftehim magħmul fit-8 t'Ottubru 2016, bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi dwar il-fondi għall-Proġetti Kapitali.

3.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Mariella Silvio, Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Bye Law*** **Qrendi dwar Attivitajiet fil-Beraħ.**

3.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kampanja *Pink October – please treat as important.***

3.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – PQ 27424.**

3.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Please Treat as Important – PQ 27741.***

3.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Please Treat as Very Important – PQ 27742.***

3.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Please Treat as Urgent – PQ 27868.***

3.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Treat as Urgent – PQ 27923.***

3.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Interreg VA Italia-Malta Programme (2014 – 2020) – 1st call for project proposals.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Interreg VA Italia-Malta Programme (2014 – 2020) – Info Session.***

3.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Link to Presentations – Interreg VA Italia-Malta Programme (2014 – 2020) – Info Session 13/10/2016.***

3.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A Sammut, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Mental Health Campaign – Week 4.***

3.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A Sammut, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Jum Dinji tas-Saħħa 2016.**

3.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A Sammut, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***EU-LISA Vacancy Notice (TA) – 3 IT Manager posts AD8, AD7, AD5.***

3.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation of Vacation Leave from 2016 to 2017.***

3.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Accumulation Leave.***

3.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Utilisation of Vacation Leave during November and December 2016 and Accumulation of Vacation Leave from 2016 to 2017.***

3.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Local Council Staff Updates: Termination/Employment/Progression of Staff including Staff on Schemes.***

3.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, bit-titlu ***EDEN Network Meeting in Mellieħa – 26/10/2016.***

3.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, bit-titlu **Laqgħa bejn il-Kunsilli tal-viċin.**

3.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 52/2016 – Laqgħa għas-Sindki nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 2016 filgħodu, fil-Palazz Verdala fil-Ġonna tal-Buskett.**

3.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 53/2016 – Informazzjoni dwar *bye-laws* pendenti.**

3.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 54/2016 – Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki, is-Sibt 5 ta' Novembru 2016, Palazz Verdala, il-Ġonna tal-Buskett.**

3.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 55/2016 – Twinning Request.***

3.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu **Sħubija tal-Kunsilli Lokali mal-Fondazzjoni GAL Xlokk.**

3.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Local Development Strategy – Final Public Consultation.***

3.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Becky Vella Muskat, Voluntiera ma' SOS Malta, bit-titlu ***EEA & Norway Grants Malta NGO Programme (2013-2016) on the 28th October 2016.***

3.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Formosa, *Project Leader* ta' 'Darba waħda...', bit-titlu **Darba waħda – *bookings.***

3.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Henriette Putzulu Caruana, Assistent Direttur fl-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, bit-titlu ***Qrendi Local Council – Recovery of Debt.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roxanne Spiteri, *Office Management Assistent* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***The Promotion of European Destinations of Excellence (EDEN) – 2015 and Beyond; Experiencing Emerging European Destinations.***

3.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ramon Deguara, Direttur tad-Direttorat għat-Tindif, bit-titlu **Wied iż-Żurrieq *garigue state.***

3.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea minn Transport Malta, bit-titlu ***Roads Closure.***

3.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles Muscat, Maniġer tat-*Traffic Management and Road Safety Unit,* bit-titlu ***Application for Double Yellow Line.***

3.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Steve Vassallo minn *People & Co. Ltd.,* bit-titlu ***Course in EU Funding.***

3.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Charlotte Curmi, Spettur tal-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rimi ta' Skart Goff fi Triq Ħaġar Qim, il-Qrendi.**

3.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Sonia Anne Parascandolo, Surġent fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rapporti ta' Container/s fi Triq Nazzareno Sammut.**

3.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Sonia Anne Parascandolo, Surġent fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Hruq tal-Materjal u Rimi Illegali – Triq San Niklaw, il-Qrendi.**

3.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Julian Pace Bonello, President tal-Kumitat Olimpiku Malti, bit-titlu ***MOC Sports Awards 2016* – (Kunsilli Lokali).**

3.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Mallia, *Waste Management Promoter*, bit-titlu ***Impl Pls – EWWR Initiative 2016 – Attn Executive Secretary & Mayor.***

3.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Connie Richard, Kap taċ-Ċentru ta'

Riżorsa Helen Kellern, bit-titlu ***Inauguration of the Grey Water System.***

3.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn TCTC, bit-titlu ***EM Citizen.***

3.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Ludovico Micallef mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol, bit-titlu **Talba għall-Ħlas ta' Mera Mkissra – Il-Qrendi.**

3.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Wayne Attard Butler, *Assistant Human Resources* ma' RSS, bit-titlu ***Attendance sheets.***

3.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Janette Scicluna, *Marketing and Communications Senior Executive* mal-*Foundation for Social Welfare Services*, bit-titlu ***Modern Parenting Courses Starting Soon.***

3.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Letizia Buttigieg, *Leader Marketing and Communications* mal-*Foundation for Social Welfare Services*, bit-titlu **RGC 2016 – Malta.**

3.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina, Perit tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bit-titlu **Laqgħa Importanti fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.**

3.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jonathan Pace, *Sales & Logistics* ma' NRGY, bit-titlu **Stedina lill-Kunsilli Lokali mill-Kor Nazzjonali tat-Tfal.**

3.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Danilo Crastolla, bit-titlu ***Consultancy Agreement 1 call for proposal Italia-Malta.***

3.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Danilo Crastolla, bit-titlu ***Concepts for Italy-Malta Interreg.***

3.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Adriana Vella, *Conservation Biology Reserach Group* mill-Universita' ta' Malta, bit-titlu ***Qrendi Local Council as Partner in BIOCENTRO Interreg Italy-Malta project.***

3.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Maria Attard Portughes, bit-titlu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***The Countdown for the Global Run Valletta 2016 has begun!***

3.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrien Bonniċi, Maniġer Kummerċjali ta' *AOST Technology Ltd.,* bit-titlu ***Appointment for meeting with the Mayor.***

3.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles B. Spiteri, bit-titlu **Intervista.**

3.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Colin Layfield, *Senior Lecturer* fil-Fakulta' tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni Teknoloġika mill-Universita' ta' Malta, bit-titlu ***Totem Kiosk – Qrendi.***

3.68 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Bernice Micallef, President tal-Moviment Kerygma, bit-titlu **Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016.**

3.69 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Grech dwar Triq id-Dejqa.

3.69.1 Is-Sindku qal li din il-problema writnijha mil-leġiżlaturi li ġew qabel din fil-Kunsill Lokali.

3.69.2 Qal li għal Triq id-Dejqa ma tistax titla' minn Triq il-Kbira minħabba li t-triq hija *one way*, u allura l-aċċess għaliha huwa biss minn Misraħ Santa Marija.

3.69.3 Spjega li jekk din it-triq issir għar-residenti biss, kif talab is-Sur Grech, il-ħruġ minn Misraħ Santa Marija se jkun biss minn Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa, minħabba li Triq is-Suq ukoll hija *one way.*

3.69.4 Ippropona li għallinqas jitwaħħlu tabelli mal-bidu tat-triq, k/ma' Misraħ Santa Marija, li juru li ma jistgħux jgħaddu vetturi kbar.

3.69.5 Żied li kif qegħdin it-toroq illum, hemm distribuzzjoni pjuttost ekwivalenti bejn kull triq, imma jekk se nagħmlu xi waħda minnhom residenzjali, se nitilfu kollox u nżidu l-piż fuq Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa.

3.69.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li għall-bidu għandhom isiru t-tabelli, imbagħad jekk il-problema tippersisti, nikkunsidraw li nagħmlu *sleeping policemen* f'din it-triq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.69.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposti tas-Sindku u l-Viċi Sindku.

3.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, bit-titlu **Fiera San Mattew.**

3.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Bernardette Azzopardi, bit-titlu **Ittra mingħand Transport Malta – Parkeġġ Riservat, Triq il-Pirinej.**

3.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Donatella Frendo, bit-titlu **Qrendi.**

3.72.1 Is-Sindku qal li dan huwa każ ġenwin fejn hemm min qiegħed ibati sabiex joħroġ il-karozza mill-garaxx meta jkun hemm il-karozzi pparkjati faċċata.

3.72.2 Qal li għalkemm se nitilfu post ieħor ta' parkeġġ, ma nistgħux nagħmlu mod ieħor u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta din it-talba u jibagħtha għall-approvazzjoni mingħand Transport Malta.

3.72.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

3.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Psaila, bit-titlu **Wied iż-Żurrieq *garigue state.***

3.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Julia Farrugia, bit-titlu **Talba għal karreġjati/sinjali tat-traffiku.**

3.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gabriella Agius, bit-titlu ***PA Application* Triq Massabielle.**

3.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Camilleri, bit-titlu **Siġar tal-Oleander.**

3.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Emily Agius, bit-titlu ***Wooden chair taking up a parking space in St Catherine Street.***

3.78 Is-Sindku tkellem dwar talba verbali li saritlu għal sinjali sofor fi Triq il-Pirinej.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.78.1 Spjega li minħabba ċertu parkeġġ ta' karozzi, nies li jkunu jridu joħorġu bil-vettura tagħhom minn blokka ta' garaxxijiet, qegħdin isibuha diffiċli.

3.78.2 Ippropona li għandu jsir metru ta' linja safra fuq kull naħa tad-daħla għall-blokka ta' garaxxijiet.

3.78.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 4. <u>IĊ-ĊENTRU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali ffirma l-kuntratt mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-għajnuna finanzjarja li se jingħata l-Kunsill Lokali sabiex ikun jista' jibni ċ-ċentru amministrattiv il-ġdid.

4.2 Qal li issa l-ballun qiegħed f'saqajn il-Kunsill Lokali u l-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu għandha tkun li nkellmu lill-Perit Henry Attard, li huwa l-Perit li se jkollu dan il-proġett f'idejh, sabiex naraw kif se nipproċedu.

4.3 Żied li huwa tal-opinjoni li l-ewwel naħsbu fil-*playground* imbagħad naħsbu fil-binja taċ-ċentru amministrattiv, sabiex dan il-proġett ikun wieħed ħolistiku.

4.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li huwa jaħseb li l-proġett għandu jsir bil-kontra, li l-ewwel isir il-bini tal-uffiċċju amministrattiv, imbagħad wara jsir il-bini mill-ġdid tal-*playing field.*

4.5 Saħaq li ġaladarba nkunu qegħdin nibnu, il-*playing field* xorta waħda mhijiex se tkun aċċessibbli minħabba l-periklu li jista' jkun hemm.

4.6 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali għandna noqgħodu fuq il-pariri tal-Perit Attard, u nimxu skont kif imexxina hu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.7 Qal li hu jittama li fi żmien tliet snin inkunu nistgħu nibdew noperaw miċ-ċentru amministrattiv il-ġdid li se jinbena fi Triq Nicolo' Communet, il-Qrendi.

4.8 Hu ppropona li għandna nkellmu lill-Perit Attard mill-aktar fis sabiex niddeċiedu kif se nimxu fuq dan il-proġett, ħalli immedjatament jinħarġu s-sejħiet għall-offerti ħalli jiskatta l-proċess tal-bini ta' dan l-uffiċċju l-ġdid.

4.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 5. <u>TISMIJA TA' TOROQ F'WIED IŻ-ŻURRIEQ</u>

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li bi tkomplija mal-aħħar laqgħa, se nitkellmu dwar it-tismija ta' toroq f'Wied iż-Żurrieq.

5.2 Spjega kif f'Wied iż-Żurrieq hemm tliet toroq li mhumiex imsemmija, u għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu jressaq il-proposti tiegħu lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex it-toroq li sallum mgħandhomx isem, jingħataw isem.

5.3 Il-Kunsillieri preżenti ressqu l-proposti tagħhom dwar liema ismijiet għandhom jingħataw dawn it-toroq. L-ismijiet li tressqu kienu dawn:

5.3.1 Triq Filfla, Triq l-Għaddasa, Triq it-Torri Xutu, Triq Ġorġ Callus, Triq il-Madonna taċ-Ċintura, Triq il-Ħnejja, Triq l-Imnajdra, Triq it-Torri tal-Ħamrija, Triq il-Misqa, Triq Bieb ix-Xagħra, Triq id-Dokkiena, Triq l-Um El Faroud, Triq Ġebal Tiċċaqlaq u Triq is-Sajjieda Qrendin.

5.4 Ittieħed vot bejn il-Kunsillieri kollha, fejn kull Kunsillier kellu jagħżel ħames ismijiet ta' toroq li xtaq li bihom jissemmew it-toroq f'Wied iż-Żurrieq.

5.5 Fl-aħħar ġie deċiż li għandhom jitressqu l-proposti li ġejjin quddiem il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kumitat għat-Tismija tat-Toroq:

5.5.1 Triq id-Dokkiena, Triq l-Um El Faroud u Triq il-Madonna taċ-Ċintura. L-isem Triq il-Ħnejja se jservi bħala riżerva jekk kemm-il darba xi isem mit-tlieta ta' qabel ma jintlaqax.

5.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar l-ismijiet ta' dawn it-toroq.

## 6. ATTIVITAJIET TA' JUM IL-QRENDI 2017

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li Jum il-Qrendi 2017 se jsir nhar il-Ħadd 19 ta' Frar u allura dan se jiġi fil-ġurnata tiegħu.

6.2 Qal li bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija, il-Kunsill Lokali jrid jaħseb sabiex jiġi nominat il-bord t'aġġudikazzjoni li se jkun qiegħed jiddeċiedi dwar in-nomini għal Ġieħ il-Qrendi 2017.

6.3 Fakkar li b'deċiżjoni li ttieħdet aktar kmieni din is-sena dwar Ġieħ il-Qrendi, dan il-Ġieħ se jibda jintrebaħ minn persuna waħda biss mis-sena d-dieħla.

6.4 Għaldaqstant is-Sindku ppropona li kull Kunsillier jaħseb f'persuni li jistgħu jkunu parti mill-bord t'aġġudikazzjoni, u l-ismijiet tagħhom jitressqu fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali għall-approvazzjoni tal-istess Kunsill Lokali.

6.5 Wara diskussjoni sar qbil unanimu mill-Kunsill Lokali li n-nomini għall-Ġieħ il-Qrendi 2017 jinħarġu l-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016 u jagħlqu l-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 f'nofsinhar.

6.6 Intlaħaq qbil unanimu wkoll li ma' kull nomina li tidħol, irid jintagħlab ritratt tal-persuna nominati sabiex il-membri tal-bord t'aġġudikazzjoni jkunu jistgħu jagħrfu tajjeb min ġie nominat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.7 Saret diskussjoni wkoll dwar kif għandha ssir l-aġġudikazzjoni mill-bord li jitlaħħaq, jekk id-deċiżjoni tal-bord titteħidx dakinhar li jinfetħu n-nomini jew inkella f'xi laqgħa li ssir wara.

6.8 Sar qbil unanimu mill-Kunsill Lokali li d-deċiżjoni mill-bord t'aġġudikazzjoni għandha titteħed dakinhar li jinfetħu n-nomini għal Ġieħ il-Qrendi 2017.

6.9 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk tistax tinxtara ingravata għall-bandisti li jdoqqu dakinhar ta' Jum il-Qrendi.

6.10 Qalet li permezz ta' din l-ingravata l-bandisti jkunu jidhru li qegħdin idoqqu bħala banda waħda u jkunu aktar puliti.

6.11 Il-Kunsill Lokali qabel unanimanent li għandna nippruvaw naraw jekk nistgħux nixtru ingravajjet għall-bandisti li jdoqqu f'Jum il-Qrendi u li dawn jintużaw minn sena għall-oħra.

6.12 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li għandna ninfurmaw lis-Soċjetajiet Mużikali ta' raħalna bid-data ta' Jum il-Qrendi sabiex anke huma jkunu jistgħu jagħmlu l-preparamenti tagħhom.

## 7. FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017

7.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-Festival Agrarju tal-Patata 2017 se jsir nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju.

7.2 Qal li lejlet il-Festival, fil-Kappella ta' San Mattew se jkun hemm tieġ, u allura rridu naraw kif se nduru miegħu.

7.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk nistgħux nibdlu d-data ta' dan il-Festival u nagħmluh aktar kmieni minħabba li s-sena li għaddiet kien hemm Soċjeta' li ma ħaditx sehem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.4 Il-Viċi Sindku wieġeb li din is-sena kien hemm l-istess ammont ta' ġranet differenza bejn il-Festival Agrarju tal-Patata u l-festa tal-Madonna ta' Lourdes, kif kien hemm is-sena li għaddiet. Qal li s-sena li għaddiet l-istess Soċjeta' ma sabitx problema li tieħu sehem allavolja kien hemm l-istess ammont ta' ġranet differenza kif kien hemm din is-sena.

7.5 Spjega kif min-naħa tiegħu diġa' tkellem mas-Sinjuri Jurgen Xerri, Carmelo Farrugia u Raymond Farrugia, li t-tlieta li huma aċċettaw li jerġgħu jkunu parti mis-sotto kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata.

## 8. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

8.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar ir-*roundabout* ta' Triq it-Tempesta k/ma' Triq l-Imqabba.

8.1.1 Qal li x-xogħol fuq il-ġiebja miexi ġmielu, u s'issa sar it-tqattigħ tagħha.

8.1.2 Spjega li fl-aħħar jiem inqala' l-arblu tal-bandiera tal-Kunsill Lokali li kien hemm fir-*roundabout* u bħalissa jinsab fil-Ġnien tal-Kmand sabiex jiġi mogħti ftit żebgħa kif ukoll possibilment ngħaddulu d-dawl.

8.1.3 Żied li apparti l-arblu, inqalgħu ukoll numru ta' siġar li kienu tħawlu fejn qiegħda ssir il-ġiebja, li dawn inqalgħu bl-aktar mod professjonali, u bħalissa jinsabu wkoll fil-Ġnien tal-Kmand sakemm isir ix-xogħol, imbagħad jerġgħu jitpoġġew lura posthom.

8.1.4 Fakkar lill-Kunsillieri li l-ispejjeż għal dan it-tisbiħ se jkunu minimi għall-Kunsill Lokali u s'issa ħallasna l-permessi sabiex isiru l-applikazzjonijiet għall-meter tad-dawl, għall-*compliance certificate* kif ukoll sabiex issir borma tal-arblu ġdida.

8.1.5 Spjega kif fil-jiem li ġejjin se jkunu qegħdin jitħaffru trinek minn fejn hemm il-ġiebja sar-*roundabout*, sabiex ikunu jistgħu jingħaddu l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

pajpijiet tad-dawl u l-ilma.

8.2 Is-Sindku tkellem dwar kumpanija partikolari li tbiegħ il-kotba, li dawn xtaqu li jixtru mitt ktieb tal-*Qrendi, its people and their heritage.*

8.2.1 Qal li dawn il-kotba nbiegħu lil din il-kumpanija b'*selling price* u diġa' tħallasna tagħhom.

8.3 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett Biocentro, ta' Interreg Italia-Malta.

8.3.1 Qal li dan il-proġett jirrikjedi ċertu xogħol u probabbli 'l quddiem ikollna noħorġu sejħa għall-*project manager* fuq dan il-proġett.

8.3.2 Żied li hemm probabilta' li jkollna nattendu għal sessjonijiet ta' taħriġ barra minn Malta.

8.4 Is-Sindku tkellem dwar *sleeping policemen* fi Triq is-Siġġiewi u Triq l-Imqabba u qal li issa wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jieħu azzjoni konkreta u jibgħat il-proposti tiegħu lil Transport Malta.

8.4.1 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li ntalbet mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, sabiex jiltaqgħu bejniethom il-Kunsilli Lokali ta' wara l-mina.

8.4.2 Qal li din il-laqgħa se ssir fit-28 t'Ottubru jew fl-1 ta' Novembru u spjega kif għandu mnejn hu ma jkunx jista' jattendi għal din il-laqgħa.

8.4.3 Għaldaqstant huwa staqsa lill-Kunsillieri min minnhom kien interessat li jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

8.4.4 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li hija tista' tmur u tirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

8.5 Is-Sindku tkellem dwar żbir ta' siġar li sar mill-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium* f'Misraħ il-Maqluba.

8.6 Is-Sindku tkellem dwar il-programm EDEN, u qal li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon se jkunu qegħdin jattendu għal jumejn seminar f'lukanda ewlenija fil-Mellieħa.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li attivita' soċjo-kulturali tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi se tkun *coffee morning* f'*nightclub* partikolari fir-Rabat, Malta.

8.7.1 Qal li dan il-*coffee morning* se jkun organizzat nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2016.

8.8 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-websajt il-ġdida tal-Kunsill Lokali u qal li s'issa sibna seba' persuni li qegħdin jagħmlu traduzzjoni tal-artikli mill-Ingliż għall-Malti.

8.8.1 Qal li tliet persuni diġa' lestew ix-xogħol li ngħatalhom u l-persuni l-oħra għaddejjin bit-traduzzjonijiet tagħhom.

8.9 Il-Viċi Sindku tkellem dwar proposta għal Triq it-Tempesta k/ma' Triq il-Warda.

8.9.1 Qal li minħabba li qiegħda tkun diffiċli li persuni jaraw il-karozzi li jkunu ġejjin min-naħa tal-lemin huma u ħerġin minn Triq il-Warda sabiex jaqsmu għan-naħa l-oħra jew inkella biex joħorġu fi Triq it-Tempesta, direzzjoni lejn iċ-ċentru tal-Qrendi, ippropona li għandha ssir tabella ta' *no right turn* sabiex il-vetturi li jridu jmorru lejn iċ-ċentru tal-Qrendi jridu jduru mar-*roundabout* sabiex jagħmlu dan.

8.9.2 Is-Sindku wieġeb li jekk hemm bżonn nitkellmu ma' Transport Malta dwar din il-proposta u naraw xi jkun is-suġġeriment tagħhom.

8.10 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet *Clean Up Day* fil-Qrendi.

8.10.1 Qalet li din il-ġurnata għandha tiffoka fuq il-parti rurali tar-raħal tagħna.

8.11 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li s-Sur Keith Schembri kellimha dwar klassijiet t'*aerobics* u sessjonijiet simili.

8.11.1 Is-Sindku wieġeb li dan l-istess persuna diġa' kellem lilu u dderiġih biex ikellem lil Sport Malta.

8.12 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-persuna nkarigata mit-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, Maria Assunta Camilleri.

8.12.1 Qal li minħabba li s-Sa. Camilleri se tinbidel, staqsa jekk huwiex possibbli li din tinbidel minn persuna li tiġi n-neputija tagħha.

8.12.2 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel dan il-pass għax irid joħroġ sejħa u għaldaqstant irridu ngħaddu mill-proċedura normali tas-sejħiet għall-offerti jew kwotazzjonijiet u mhux sempliċiment naqbdu u nqabbdu lil xi ħadd.

8.12.3 Qal li fil-mument qegħdin nistennew risposta mingħand il-*Community Workers Scheme* sabiex naraw jekk jistgħux jipprovdu persuna huma u l-Kunsill Lokali jħallas tal-materjal li jintuża' sabiex jiġi mnaddaf l-uffiċċju.

8.13 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li għandu jerġa' jiġi nstallat l-arblu li kien hemm qabel, u li miegħu kienet titella' l-bandiera tal-Qrendi.

8.13.1 Qal li din il-biċċa xogħol għandha titħalla f'idejn il-persuna li jieħdu ħsieb il-latrini pubbliċi li hemm f'Wied iż-Żurrieq, sabiex tittella' malli tiftaħ il-latrina u titniżżel wara li tingħalaq.

8.13.2 Is-Sindku wieġeb li dan l-arblu jista' joħloqilna xi problemi, minħabba li fil-passat kien hemm sitwazzjonijiet ta' min jew niżżel il-bandiera tal-Qrendi, jew anke kien hemm min prova li jtella' bnadar oħra li mgħandhomx x'jaqsmu mal-Qrendi.

8.13.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li hi taqbel mal-proposta tal-Kunsillier Daniel Farrugia, l-istess kif qablet il-Kunsillier Daniela Farrugia.

8.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq quddiem il-Kunsill Lokali diversi kwotazzjonijiet għal xiri ta' laptop ġdid għall-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

8.14.1 Inħasset il-ħtieġa li jinxtara dan il-laptop wara li l-kompjuter tal-finanzi tal-Kunsill Lokali għadda ħafna żmien minn fuqu u issa ma kenitx viabbli li dan joqgħod jiġi rranġat u kien jaqbel aktar li jinxtara wieħed

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ġdid.

8.14.2 Il-kwotazzjonijiet imressqa kienu dawn:

1). Asus VivoBook Core i5, 17.3" - €1,010.61;

2). Lenovo Ideapad Core i7, 15.6" - €999;

3). HP 17 Core i5, 17.3" - €770.67;

4). HP 17 Core i5, 17.3" - €741;

5). HP Pavilion, 17.3" - €1,076;

6). HP Pavilion Core i7, 17.3" - €1,068.

8.15 Is-Segretarju qal li mir-*reviews* li wieħed jista' jara fuq l-internet, jidher li l-Asus huma laptops tajbin ħafna u anke l-Lenovo u l-HP huma tajbin, skont wieħed għal xiex ikun irid jużahom.

8.15.1 Qal li l-laptop Asus VivoBook hua xi ftit aħjar mill-oħrajn fl-ispeċifikazzjonijiet tiegħu, b'mod speċjali fejn jidħol *storage* minħabba li l-*hard disk* tiegħu tiflaħ sa 2TB ta' informazzjoni, filwaqt li l-laptops l-oħra jifilħu sa 1TB.

8.16 Wara li saret diskussjoni ġie maqbul unanimament li se jinxtara l-laptop Asus VivoBook Core i5, 17.3" għas-somma ta' €1,010.61

## 9. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €18,436.85 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 10/16 u €36 skont il-*Petty Cash* Ref T/09.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

9.2 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud ikkummentaw dwar il-pagamenti numru 5081, dovut lill-kumpanija ARMS, minħabba li l-ammont fuq l-invoice u l-ammont fuq l-iskeda tal-pagamenti kien differenti b'għaxar ċenteżmi.

9.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jista' jagħti l-każ li sar żball waqt li kienu qegħdin jiġu mniżżla l-ammonti u li dan l-iżball se jkun irranġat minnufih.

9.3 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

9.4 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 10. <u>AĠĠORNAMENT</u>

10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2016 fil-5:30pm.

| ____________________ | ____________________ |
| --- | --- |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |